I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-5 ta' Diċembru 2008**

**dwar proposta għal Direttiva dwar il-bidu, is-segwiment, u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi**

**(CON/2008/84)**

(2009/C 30/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-30 ta' Ottubru 2008 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu, is-segwitu u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tirrevoka d-Direttiva 2000/46/KE ([1]) (minn issa 'l quddiem "d-direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-Artikolu 105(4), flimkien ma' l-ewwel u r-raba' inċiżi ta' l-Artikolu 105(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, billi d-direttiva proposta tittratta l-ħidmiet bażiċi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), jiġifieri li tiddefinixxi u timplimenta l-politika monetarja tal-Komunità ([2]) u biex tippromwovi l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. Il-kompetenza tal-BĊE hija bbażata wkoll skond l-Artikolu 105(5) tat-Trattat, liema skond is-SEBĊ tikkontribwixxi għat-twettiq bla xkiel tal-politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti relatati mas-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilta' tas-sistema finanzjarja. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet Ġenerali

L-għan tad-direttiva proposta huwa li tiftaħ is-suq għall-ħruġ ta' flus elettroniċi (minn issa 'l quddiem "flus elettroniċi") minn istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi (minn issa 'l quddiem "ELMIs"), li huma rregolati b'reġim prudenti eħfef milli dak applikabbli ma' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-BĊE jinkoraġġixxi r-reviżjoni tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, is-segwitu u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi ([3]), billi din tirrikonoxxi li d-Direttiva 2000/46/KE m'hijiex konformi għal kollox ma' l-istennijiet ta' bħalissa tas-suq fir-rigward tal-ħruġ ta' flus elettroniċi. Fl-istess ħin, il-BĊE għandu ħsibijiet serji rigward il-proposta biex tinbidel id-definizzjoni legali ta' ELMIs minn "istituzzjoni ta' kreditu" għal "istituzzjoni finanzjarja", kif iddefinit fid-Direttiva 2006/48/KE

([1]) COM(2008) 627 finali.

([2]) F'dan ir-rigward, il-kompetenza tal-BĊE skond l-Artikolu 5 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "'l-Istatut tas-SEBĊ") hija wkoll ta' relevanza, billi d-direttiva proposta għandha impatt fuq il-ġbir ta' statistika għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja taż-żona ta' l-euro.

([3]) ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwitu tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ifformulata mill-ġdid) ([1]); dan jista' jkollu konsegwenzi wesgħin għat-twettiq tal-politika monetarja. Fl-istess ħin, id-direttiva proposta tqajjem tħassib minn perspettiva superviżorja, billi hija tħaffef ir-reġim regolatorju għall-ELMIs filwaqt li fl-istess ħin twessa' l-iskop ta' l-attivitajiet tagħhom. It-tħassib t'hawn fuq huwa stabbilit f'aktar dettal hawn isfel.

## Osservazzjonijiet speċifiċi

1. *In-natura legali ta' l-ELMIs*

1.1 Biex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet tad-direttiva proposta, huwa importanti li l-ewwel wieħed jifhem in-natura legali ta' l-ELMIs. F'dan ir-rigward, il-punt (b) ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE jiddefinixxi l-ELMIs bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira tad-Direttiva 2000/46/KE. Skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2000/46/KE, ELMI hija ddefinita bħala "impriża jew persuna legali oħra, minbarra istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinita fl-Artikolu 1, punt 1, l-ewwel subparagrafu (a) tad-Direttiva 2000/12/KE [issa d-Direttiva 2006/48/KE] li toħroġ mezzi ta' ħlas fil-forma ta' flus elettroniċi". L-Artikolu 17(1) tad-direttiva proposta tneħħi l-ELMIs mid-definizzjoni hawn fuq ta' istituzzjoni ta' kreditu u tikklassifikahom mill-ġdid bħala "istituzzjonijiet finanzjarji" skond l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/48/KE. Madankollu, minħabba t-tip ta' attvitajiet li l-ELMIs jitħallew iwettqu skond id-direttiva proposta, in-natura legali ta' l-ELMIs tibqa' tkun indaqs għal dik ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq l-analiżi tad-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu skond punt (a) ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE, liema skond 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser 'impriża li l-kummerċ tagħha huwa li tirċievi d-depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku u li tagħti krediti għaliha nnifisha'.

1.2 "impriża"

It-terminu "impriża" huwa dak użat fir-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat ([2]). Filwaqt li t-terminu m'huwiex iddefinit fit-Trattat, it-tifsira tiegħu kienet ġiet stabbilita b'mod ġenerali fil-liġi tal-Komunità billi t-terminu jinkludi kull persuna naturali jew legali involuta f'attività kummerċjali ([3]) jew ekonomika minkejja l-istatus legali tagħhom jew il-mod li huma ffinanzjati ([4]). L-Artikolu 2(1) tad-direttiva proposta jiddefinixxi ELMI bħala 'persuna legali li tkun ngħatat awtorizzazzjoni … biex toħroġ flejjes elettroniċi'. Għalhekk, l-ewwel parti mill-obbligu ta' li tkun "impriża", kif mitlub mid-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, jiġi sodisfatt. Barra minn dan, il-ħruġ minn ELMI ta' flus elettroniċi u l-għoti ta' servizzi ta' ħlas oħra b'mod ġenerali, kif stabbilit fl-Artikolu 8 tad-direttiva proposta, jista' jintqal b'ċertezza li huwa attivita' kemm kummerċjali kif ukoll ekonomika.

1.3 "li l-kummerċ tagħha huwa li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku u li tagħti krediti għaliha nnifisha"

Kif innutat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, "huwa fatt komuni li l-aċċettazzjoni ta' depożiti mill-pubbliku u l-għoti ta' krediti jirrappreżentaw l-attivitajiet bażiċi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu" ([5]). Tinġibed l-attenzjoni lejn il-karattru kumulattiv taż-żewġ aspetti ta' dan il-kummerċ, jiġifieri l-bżonn tagħhom biex jeżistu flimkien għal istituzzjoni ta' kreditu li taqa' fl-iskop tad-definizzjoni stabbilita fid-Direttiva 2006/48/KE. Madankollu, huwa biżżejjed, jekk intrapriża hija intitolata skond l-istatuti tagħha biex twettaq iż-żewġ tipi ta' kummerċ; ma jinħtieġx li fil-fatt hija ssegwi t-tnejn li huma fl-istess żmien jew saħansitra li wara kollox hija ssegwihom fil-prattika ([6]). Li huwa kritiku f'dan ir-rigward huwa jekk l-istituzzjoni hijiex legalment intitolata twettaq it-tranżazzjonijiet relevanti. Dawn l-elementi huma analizzati f'aktar dettal hawn isfel.

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1. Ara l-Artikolu 4(1) u (5) tad-Direttiva 2006/48/KE.
([2]) Ara Usher, J.A., *The Law of Money and Financial Services in the EC*, It-tieni edizzjoni, Clarendon Press, Oxford, 2000, p. 116.
([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/398/KEE tat-23 ta' April 1986 dwar proċediment skond l-Artikolu 85 tat-Trattat tal-KEE (IV/31.149 — Polipropelin) (ĠU L 230, 18.8.1986, p. 1).
([4]) Każ Ċ-41/90 *Höfner and Elser* v *Macroton* [1991] ECR 1-1979; Każ T-319/99 *Federación Nacional de Empresas de Instrumentación Científica, Médica, Técnica y Dental (FENIN)* v *Commission of the European Communities* [2003] ECR II-357.
([5]) Il-paragrafu 16 ta' Każ Ċ-442/02, *Caixa-Bank France* v *Ministère de l'Économie, des Finances et de l'Industrie* [2004] ECR I-8961.
([6]) Ara Clarotti, P., "The Harmonization of Legislation relating to Credit Institutions", *Common Market Law Review*, Vol. 19, Nru. 2, Kluwer Law International, 1982, p. 249 u Verheugd, P., "Definition of credit institution", *Banking and EC Law Commentary*, M. van Empel u R. Smits eds, Kluwer Law International, Deventer, 1992, p. 17.

1.4 "jirċievu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura"

1.4.1 L-Artikolu 8(2) u (3) tad-direttiva proposta jipprojbixxi l-ELMIs milli jieħdu depożiti. Filwaqt li d-Direttiva 2006/48/KE ma tiddefinixxix l-aċċettazzjoni ta' depożiti, il-kunċett ta' "depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura" skond id-Direttiva 2006/48/KE ġie interpretat b'mod wiesa' mill-Qorti tal-Ġustizzja, li nnota "li 't-terminu fondi oħra li jitħallsu lura' … jirreferi mhux biss għal strumenti finanzjarji li għandhom il-karatteristiċi intrinsiċi ta' ħlas lura, imma wkoll għal dawk, li minkejja ma jkollhomx dik il-karatteristika, huma s-suġġett ta' ftehim kuntrattwali biex iħallsu l-fondi mħallsa" ([1]). Ma jimpurtax jekk dawn il-fondi huma rċevuti fil-forma ta' depożiti jew f'forom oħra, bħall-"kontinwazzjoni fil-ħruġ ta' bonds u titoli oħra komparabbli" ([2]), kif imsemmi f'forerunner tad-Direttiva 2006/48/KE. Għalhekk, "l-irċevuti kollha ta' flejjes jistgħu jammontaw għal kummerċ ta' aċċettazzjoni ta' depożiti (fis-sens wiesa') jekk jinvolvu ħlas lura tal-flejjes irċevuti. M'huwiex importanti f'dan ir-rigward jekk dan l-obbligu ta' ħlas lura jeżistix diġà fil-ħin li l-fondi huma rċevuti (u jiffurmax element 'essenzjali' ta' dik it-tranżazzjoni), jew jekk dan l-obbligu jqumx biss bħala riżultat tal-ħolqien ta' drittijiet kuntrattwali" ([3]). Interpretazzjoni proprja ta' aċċettazzjoni ta' depożiti "jkollha tkun iggwidata bil-mistoqsija tal-firxa tat-tfaddil li għandhom jiġu protetti u l-interpretazzjoni tal-karatteristiċi ta' 'kummerċ ta' kreditu' fid-dawl tar-riskji meqjusa sinifikanti f'termini tal-protezzjoni ta' l-irkuprar ta' depożiti. Ir-riżultat huwa tendenza lejn interpretazzjoni wiesgħa ta' kemm l-aċċettazzjoni ta' depożiti kif ukoll ta' kreditu" ([4]).

1.4.2 Minħabba dan t'hawn fuq, għandu jkun innutat li *recital* 8 tad-Direttiva 2000/46/KE igħid li l-"irċevuta ta' fondi mill-pubbliku bi skambju għal flus elettroniċi, li jirriżulta li jibqa' bilanċ ta' kreditu fil-kont ma' l-istituzzjoni li toħroġ, tikkostitwixxi l-irċevuta ta' depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura". Skond id-direttiva proposta, din l-irċevuta ta' fondi ma tikkostitwixxix aktar depożitu jew fond ieħor li jitħallas lura. Ma ngħatat l-ebda raġuni għal din il-bidla fil-memorandum spjegattiv għad-direttiva proposta; madankollu, jidher li hemm attentat ġenerali biex jallinja d-Direttiva 2000/46/KE mad-Direttiva 2007/64/KE ([5]). Kif innutat diġà fl-Opinjoni CON/2006/21 tas-26 ta' April 2006 dwar proposta għal direttiva dwar servizzi ta' ħlas fis-suq intern ([6]), il-BĊE iqis li l-irċevuta ta' fondi b'dan il-mod jammonta għal aċċettazzjoni ta' depożiti. Ir-raġuni hija li l-fondi jistgħu jinżammu għal perijodu indefinit u min joħroġ il-flus elettroniċi jitħalla jħallas l-imgħax fuq il-fondi riċevuti. B'mod speċifiku fir-rigward ta' l-għoti ta' l-imgħax, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li "fejn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sussidjarji ta' kumpaniji barranin ifittxu li jidħlu fis-suq ta' Stat Membru, li jikkompetu permezz tar-rata ta' remunerazzjoni mħallsa fuq kontijiet *sight*, jikkostitwixxi wieħed mill-aktar metodi effettivi għal dak il-għan … . Ir-restrizzjoni dwar is-segwitu u l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ta' dawk is-sussidjarji li jiżviluppaw mill-projbizzjoni fil-ħruġ [projbizzjoni dwar ir-remunerazzjoni ta' kontijiet *sight*] hija tant l-aħjar akbar, fil-komunanza li l-aċċettazzjoni ta' depożiti mill-pubbliku u l-għoti ta' krediti jirrappreżentaw attivitajiet bażiċi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu" ([7]).

1.4.3 Finalment, meta wieħed jargumenta li l-ELMIs jibqgħu jieħdu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura, huwa deċiżiv li l-fondi mħallsa lil ELMI jinfdew skond l-Artikolu 5 tad-direttiva proposta, liema skond il-fondi rispettivi jkollhom jitħallsu lura lid-detentur tal-flus elettroniċi skond il-valur pari malli jintalbu.

1.5 "mill-pubbliku"

Fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni ta' depożiti, l-istituzzjoni għandha tkun fil-kummerċ li tirċievi depożiti "mill-pubbliku". Fin-nuqqas ta' xi każistika tal-Qorti li tindirizza direttament it-terminu "pubbliku" użat fid-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu skond id-Direttiva 2006/48/KE, diversi skulari legali esprimew l-opinjoni tagħhom dwar it-tifsira tat-terminu "pubbliku" fid-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu" kif stabbilita fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 77/780/KEE, li ġiet irriprodotta

([1]) Ara l-paragrafu 17 ta' Każ Ċ-366/97, *Massimo Romanelli* [1999] ECR I-855.
([2]) Ir-*recital* 5 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar il-koordinament tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-bidu u s-segwitu tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 322, 17.12.1977, p. 30).
([3]) Ara Alexander Bornemann, "Abridged Opinion on the Concept of the Credit Institution in the Directives of the European Community Relating to Bank Regulation and Supervision", p. 11. Tinsab bħala fajl PDF f' http://www.money-advice.net/media.php?id=234.
([4]) Ibid.
([5]) Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tirrevoka d-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).
([6]) ĠU C 109, 9.5.2006, p. 10.
([7]) Ara l-paragrafi 14 u 16 ta' Każ Ċ-442/02 *Caixa-Bank France v Ministère de l'Économie, des Finances et de l'Industrie.*

*verbatim* f'punt (a) ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE. Ġie rrikonoxxut li "Fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' l-Ewwel Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju, l-għan ewlieni tas-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu kien il-protezzjoni tad-depożitanti u min ifaddal … Għal dik ir-raġuni, impriża li ġġib il-fondi tagħha fis-suq ta' bejn il-banek minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew minn partijiet professjonali oħra tas-suq — billi, per eżempju, investituri istituzzjonali u kumpaniji ta' l-assigurazzjoni — ma jikkwalifikawx bħala istituzzjoni ta' kreditu" ([1]). Għalhekk, "Istituzzjonijiet li huma attivi biss fis-swieq ta' bejn il-banek … ma jikkwalifikawx bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skond il-liġi tal-KE, minħabba li ma jirċevux fondi mill-pubbliku" ([2]). Minn dan jista' jintwera li l-kunċett ta' "pubbliku" ikopri persuni fiżiċi jew legali meqjusa bħala li għandhom bżonn il-protezzjoni skond il-liġi, filwaqt li dawk l-entitajiet li m'għandhomx bżonn din il-protezzjoni, bħal dawk li jiffinanzjaw lilhom infushom biss fis-swieq ta' bejn il-banek, ma jitqisux li jaqgħu fl-iskop tat-terminu "pubbliku". Għalhekk, kull persuna legali jew naturali minbarra istituzzjoni ta' kreditu jew dik finanzjarja se tkun ikklassifikata bħala "pubblika" għall-iskopijiet tad-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu. Tabilħaqq, fil-kuntest ta' l-ELMI, id-detenturi ta' flus elettroniċi għandhom jitqiesu "l-pubbliku" li mingħandhom dawk li joħorġu flus elettroniċi jirċievu fondi.

1.6 "li tagħti krediti għaliha nnifisha"

Skond l-Artikolu 1(5)(a) tad-Direttiva 2000/46/KE, l-attivitajiet ta' kummerċ ta' ELMIs huma restritti u jeskludu b'mod speċifiku "l-għoti ta' kull forma ta' kreditu". Billi l-kummerċ ta' istituzzjoni ta' kreditu jkopri kemm l-aċċettazzjoni ta' depożiti u l-għoti ta' kreditu, jista' jiġi argumentat li ELMIs, illum, ma jissodisfawx la l-kriterji ta' l-aċċettazzjoni ta' depożiti u lanqas ta' l-għoti ta' kreditu, u jintqiesu biss bħala istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba d-definizzjoni stabbilita fid-Direttiva 2006/48/KE. Madankollu, minkejja l-projbizzjoni fid-direttiva proposta dwar l-ELMIs jaċċettaw depożiti, *de facto* huma se jibqgħu jaċċettaw dawn id-depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura. Barra min dan, huma se jibqgħu jissodisfaw il-kriterji l-oħra li jagħtu kreditu. B'mod aktar speċifiku, skond il-punt b ta' l-Artikolu 8(1) tad-direttiva proposta, l-ELMIs se jibqgħu jitħallew jagħtu kreditu meta joffru ċerti tipi ta' servizzi ta' ħlas ([3]). Wieħed jammetti madankollu, li l-ELMIs li jixtiequ jagħtu dan il-kreditu jistgħu jagħmlu dan salv numru ta' kundizzjonijiet speċifiċi ([4]).

1.7 Id-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu" fid-Direttiva 2006/48/KE tittratta n-natura tal-kummerċ magħmul u mhux in-natura ta' l-entita ma' min hija tinnegozja ([5]). F'dan ir-rigward, jidher ċar li minkejja ELMIs jieqfu li jkunu istituzzjonijiet ta' kreditu skond id-direttiva proposta, u minkejja l-projbizzjoni tagħha fuq li l-ELMIs jieħdu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura, *de facto* huma se jibqgħu jieħdu dawn id-depożiti. B'mod aktar speċifiku, il-fondi rċevuti jistgħu jinżammu għal perijodu indefinit sakemm id-detentur jitlob li jinfdew, u dawk li joħorġu flus elettroniċi jistgħu jħallsu imgħax fuq il-fondi rċevuti. Barra minn dan, l-ELMIs se jibqgħu jissodisfaw il-kriterji l-oħra tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk, minn perspettiva legali, jidher li ELMI, kif iddefinita fid-direttiva proposta, jkollha karatteristiċi li jixbħu lil dawk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, saħansitra aktar milli llum, minħabba li l-attivita' ta' l-aċċettazzjoni ta' depożiti ma tinbidilx u se jitħalla fil-futur l-għoti ristrett ta'

(1) Verheugd, P., "Definition of credit institution", *Banking and EC Law Commentary*, M. van Empel u R. Smits eds, Kluwer Law International, Deventer, 1992, p. 23.
(2) Dassesse, M., Isaacs, S., u Penn, J., *EC Banking Law*, It-tieni edizzjoni, Lloyd's of London Press, 1994, p. 19.
(3) Is-servizzi ta' ħlas li l-ELMIs jitħallew jagħtu huma dawk imsemmija f'punti 4, 5 u 7 ta' l-Anness mad-Direttiva 2007/64/KE: (i) l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas fejn il-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu lil utent tas-servizz ta' ħlas meta jiġu eżegwiti debiti diretti, tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard ta' ħlas u trasferimenti ta' kreditu; (ii) il-ħruġ u/l-akkwist ta' strumenti ta' ħlas; u (iii) ħlasijiet minn mezzi mobbli fejn l-operatur ta' dawn il-mezzi jaġixxi bħala intermedjarju għall-bejgħ ta' ħwejjeġ u servizzi.
(4) L-Artikolu 8(1)(b) tad-direttiva proposta jirreferi għall-Artikolu 16(3) u (5) tad-Direttiva 2007/64/KE jiġifieri li (a) il-kreditu huwa anċillari u mogħti esklussivament b'konnessjoni ma' l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas; (b) il-kreditu jitħallas f'perijodu li ma jaqbiżx 12-il xahar; (c) il-kreditu jista' ma jingħatax mill-fondi riċevuti jew miżmuma għall-iskop biex tiġi eżegwita tranżazzjoni ta' ħlas; (d) xi drabi l-*own funds* ta' l-ELMI jkunu xierqa u għas-sodisfazzjon tar-regolaturi minħabba l-ammont totali ta' kreditu mogħti; u (e) huwa mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni relevanti tal-Komunità jew leġiżlazzjoni nazzjonali oħra relevanti dwar il-kundizzjonijiet biex jingħata kreditu lil konsumaturi.
(5) Ara Usher, J.A., *The Law of Money and Financial Services in the EC*, It-tieni edizzjoni, Clarendon Press, Oxford, 2000, p. 116.

kreditu. Għandu jkun innutat li fil-kuntest ta' l-iżvilupp tad-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu", l-iskulari qalu li "Għandu jkun hemm metodu uniformi f'dan il-qasam biex jiġi evitat ix-xkiel (*distortions*) fil-kompetizzjoni li jseħħ li kieku impriżi li kienu bażikament simili u li wettqu l-istess kummerċ, jew ta' lanqas kummerċ veru simili, kienu suġġetti għal kuntroll amministrattiv f'pajjiz wieħed imma kienu eżentati f'ieħor" ([1]). Minn perspettiva ta' bank ċentrali, l-ELMIs huma parti mis-settur tal-ħruġ ta' flus elettroniċi, u għandu jiġi żgurat fuq bażi kontinwa t-trattament ugwali ma' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif iddefinit fid-Direttiva 2006/48/KE ([2]).

2. *Politika monetarja*

2.1 Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 19.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, "il-BĊE jista' jitlob lill-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri biex iżommu riżervi minimi f'kontijiet mal-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali b'segwitu ta' l-għanijiet tal-politika monetarja". Minħabba l-istatus legali tagħhom bħala istituzzjonijiet ta' kreditu, ELMIs huma suġġetti għall-obbligi tar-riżerva ta' l-Eurosistema ([3]), kif irregulat aktar fir-Regolament BĊE/2003/9 tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi ([4]). Ir-riżervi minimi huma miżura importanti għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja, jiġifieri d-direzzjoni tar-rati ta' imgħax fuq żmien qasir, li jistgħu jiġu mposti biss fuq istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk, id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, kif tinsab fid-Direttiva 2006/48/KE, hija ta' sinifikanza għall-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali.

2.2 Jekk l-ELMIs jieqfu jkunu koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, kif issuġġerit fl-Artikolu 17(1) tad-direttiva proposta, dan iħalli konsegwenzi wiesgħa minn perspettiva ta' bank ċentrali. Billi l-flus elettroniċi jissostitwixxu wkoll mezzi ta' ħlas offruti minn banek (e.ż. fil-forma ta' tranżazzjonijiet ta' karti ta' debitu), dawn il-mezzi ta' ħlas ikunu offruti minn istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li m'humiex aktar suġġetti għall-obbligi tar-riżerva. Għandu jiġi evitat it-trattament inkonsistenti mifrux ma' diversi mezzi ta' ħlas li huma simili ħafna minn ħafna aspetti.

2.3 Barra minn dan, jekk il-bilanċi jiġu xxiftjati bejn il-flus elettroniċi u l-kontijiet tal-bank, dan jaffettwa s-sitwazzjonijiet tal-likwidita' tal-banek u jikkumplika l-implimentazzjoni tal-politika monetarja. Fil-waqt li bħalissa l-volumi eżistenti ta' flus elettroniċi huma żgħar wisq biex joħolqu problemi f'dan ir-rigward, hemm il-potenzjal biex il-*holdings* ta' flus elettroniċi jiżdiedu malajr fil-futur, kif previst fil-valutazzjoni ta' l-impatt li takkompanja d-direttiva proposta, bħala konsegwenza ta' l-obbligi regolatorji mħaffa li japplikaw għall-ELMIs wara l-adozzjoni tad-direttiva proposta. L-implikazzjonijiet li l-ELMIs jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala istituzzjonijiet finanzjarji, kif iddefinit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/48/KE, ikunu li dawn ma jkunux aktar suġġetti għall-obbligi tar-riżerva skond l-Artikolu 19.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ. F'din is-sitwazzjoni, u jekk il-flus elettroniċi jissostitwixxu l-flus kontanti sa ċertu punt sinifikanti, fil-fehma tal-BĊE il-kundizzjonijiet tal-likwidita' tas-settur tal-kummerċ bankarju jiġu affettwati b'mod sinifikanti. Konsegwentament, l-implimentazzjoni tal-politika monetarja mill-Eurosistema ssir aktar diffiċli u r-riżultati aktar inċerti.

2.4 B'konklużjoni, il-kunsiderazzjonijiet mill-perspettiva tal-politika monetarja jsaħħu bis-sħiħ li l-ELMIs għandhom jibqgħu jkunu kklassifikati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu bil-kuntrarju għas-suġġeriment magħmul fid-direttiva proposta. F'dan ir-rigward, il-BĊE huwa tal-fehma li t-tħassib dwar il-politika monetarja identifikat hawn fuq, huwa b'mod ċar aktar b'saħħtu mir-raġuni fundamentali wara d-direttiva proposta biex il-qafas regolatorju applikabbli għall-ELMIs jiġi allinjat ma' dak applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' ħlas kif iddefiniti fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2007/64/KE, li m'humiex koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu ([5]).

---

([1]) Ara Clarotti, P., "The Harmonization of Legislation relating to Credit Institutions", *Common Market Law Review*, Vol. 19, No. 2, Kluwer Law International, 1982, p. 248.

([2]) Din il-pożizzjoni hija konsistenti mal-parir mogħti fir-"Rapport dwar flus elettroniċi" ippubblikat mill-BĊE f'Awwissu 1998, fejn huwa argumenta li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju applikabbli dak iż-żmien għandha tiġi emendata biex tiżgura li ELMIs jaqgħu skond id-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Aktar informazzjoni tinsab fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

([3]) L-Eurosistema hija komposta mill-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li ntroduċew l-euro.

([4]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

([5]) Ara l-paragrafu 5.1 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/21, fejn il-BĊE fisser preferenza għal istituzzjonijiet ta' ħlas li jkunu koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu billi jgħid li "jekk istituzzjonijiet ta' ħlas jitħallew iżommu fondi li kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll legali jikkwalifikaw bħala depożiti, minkejja li kunċettwalment m'humiex ikkaratterizzati hekk skond id-direttiva proposta, il-livell tar-riskju se jkun daqs dak ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' flus elettroniċi. Għaldaqstant, il-livell ta' salvagwardji għandu jkun l-istess bħal dak applikat għal istituzzjonijiet ta' kreditu u jew ta' flus elettroniċi. Isegwi li servizzi ta' ħlas preferibbilment għandhom ikunu restritti għal istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' flus elettroniċi. Dan jiżgura protezzjoni biżżejjed ta' fondi tal-konsumatur u attività finanzjarja b'saħħitha, u għalhekk huwa l-metodu ppreferut tal-BĊE".

2.5 Il-BĊE jilqa' l-fatt li l-Artikolu 5 tad-direttiva proposta jżomm sa ċertu punt l-obbligi tal-fidi li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/46/KE. Il-fidi hija kwistjoni ewlenija minn perspettiva ta' bank ċentrali. Għalhekk, l-ELMIs għandhom ikunu obbligati legalment jifdu l-flus elettroniċi għal flus tal-bank ċentrali skond il-valur pari fuq it-talba tad-detentur tal-flus elettroniċi. Huwa biss billi jiġi żgurat li d-detentur ta' flus elettroniċi jista' jikkonverti mill-ġdid il-valur ta' flus elettroniċi f'karti tal-flus jew flus oħra (*scriptural*), li l-kunfidenza tiġi ppreservata fil-flus elettroniċi bħala sostitut effettiv u li wieħed jogħqod fuqu għal muniti u għal karti tal-flus. Mill-perspettiva tal-politika monetarja, l-obbligu tal-fidi jinħtieġ, *inter alia*, sabiex tiġi ppreservata l-funzjoni ta' l-unita' tal-kont (*unit-of-account*) tal-flus, biex tinżamm l-istabbiltà fil-prezzijiet billi jiġi evitat il-ħruġ bla rażan ta' flus elettroniċi u biex tiġi salvagwardata l-abbilta' li wieħed jikkuntrolla l-kundizzjonijiet tal-likwidita' u r-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir stabbiliti mill-BĊE.

2.6 Il-fidi minn min joħroġ flus elettroniċi lil detenturi ta' flus elettroniċi kif deskritt hawn fuq għandu jsir jew f'valuta legali jew, bil-kunsens tad-detentur rispettiv tal-flus elettroniċi permezz tac-*channels* tal-kummerċ bankarju billi ssir ordni ta' ħlas irrevokabbli biex jiġi kkreditat il-kont bankarju tad-detentur tal-flus elettroniċi. Ħlasijiet ta' fidi għandhom ikunu ddenominati fl-istess valuta bħala l-valuta li fiha l-flus elettroniċi maħruġa huma ddenominati ([1]). F'dan ir-rigward, il-BĊE jinnota li l-Artikolu 5(1) tad-direttiva proposta jimplika li d-detentur ta' flus elettroniċi jista' jitlob li jinfeda, f'kull żmien, skond il-"valur monetarju tal-flus elettroniċi miżmuma". L-għoti rispettiv ma jirriflettix il-kontenut ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/46/KE liema skond id-detentur jista' jagħżel bejn li jinfeda skond il-valur pari f'kemm muniti u karti tal-flus jew permezz ta' trasferiment lil kont. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u biex tiġi żgurata traspożizzjoni konsistenti tad-dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri, il-BĊE jissuġġerixxi li għaldaqstant jiġi emendat l-Artikolu 5(1) tad-direttiva proposta biex jiżgura li detentur tal-flus elettroniċi huwa liberu jagħżel il-metodu ppreferut tiegħu ta' fidi.

3. *Qafas regolatorju*

3.1 L-Artikolu 8(1) tad-direttiva proposta jwessa' sew l-iskop t'attivitajiet li l-ELMIs se jkunu intitolati jwettqu meta mqabbla ma' l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2000/46/KE liema skond l-attivitajiet tal-kummerċ ta' l-ELMIs, minbarra l-ħruġ ta' flus elettroniċi, huma restritti għall-għoti ta' servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji relatati mill-qrib, eskluż l-għoti ta' kull forma ta' kreditu. Id-direttiva proposta tkabbar l-attivitajiet permessi għal: (i) l-għoti ta' servizzi ta' ħlas imniżżla fl-Anness mad-Direttiva 2007/64/KE, li jinkludi l-għoti ta' ċerti krediti; (ii) it-tħaddim ta' sistemi ta' ħlas; u (iii) l-involviment f'attivitajiet ta' kummerċ minbarra l-ħruġ ta' flus elettroniċi. Fl-istess ħin, bil-liberalizzazzjoni tal-lista ta' attivitajiet permessi, ir-reġim regolatorju huwa mħaffef, *inter alia*, bit-tnaqqis b'mod sostanzjali ta' l-obbligi kapitali inizjali u bit-tneħħija tal-limitazzjonijiet eżistenti fuq l-investimenti li jinsabu fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/46/KE. Il-BĊE jifhem li l-ġustifikazzjoni bażika għal din il-bidla fundamentali hija l-għan li wieħed jallinja u fl-aħħar mill-aħħar jintegra l-qafas regolatorju għall-ELMIs fid-Direttiva 2007/64/KE. Għaldaqstant, ir-reġim regolatorju propost allinjat mad-dispożizzjonijiet applikabbli għal istituzzjonijiet ta' ħlas skond id-Direttiva 2007/64/KE, jikkorrispondi mal-bidla proposta fid-definizzjoni ta' ELMIs. Fuq dan l-isfond, tajjeb li wieħed jikkunsidra l-aspetti li ġejjin.

3.2 L-ewwel, il-BĊE huwa tal-fehma li minbarra mid-dritt ta' ELMIs u l-istituzzjoni ta' kreditu biex toħroġ flus elettroniċi, id-distinzjoni bejn ELMIs u istituzzjonijiet ta' ħlas m'hijiex ċara; dan jagħmel il-valutazzjoni tar-riskji u s-salvagwardji relatati, ħidma sfidanti minn perspettiva regolatorja. B'mod aktar konkret, id-diffikulta' tqum mhux biss minħabba l-fatt li l-ELMIs jistgħu jżommu fondi li fil-prattika huma ekwivalenti għad-depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura, imma wkoll minħabba l-abbilta' ta' ELMI li tagħti kreditu ffinanzjat bi flus irċevuti mill-pubbliku. Barra minn dan, l-allinjament ta' ELMIs ma' istituzzjonijiet ta' ħlas huwa kkumplikat bil-bżonn li wieħed jiddistingwixxi bejn servizzi ta' ħlas ibbażati fuq kontijiet ta' ħlas u servizzi ta' flus elettroniċi bbażati fuq kontijiet iċċentralizzati.

([1]) Għal informazzjoni addizzjonali jekk jogħġbok ara r-'Rapport dwar flus elettroniċi' u l-Opinjoni tal-BĊE CON/1998/56 tad-19 ta' Jannar 1999 fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 4(a) ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar 1. a Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu, is-segwitu u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet elettroniċi, u 2. a Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/780/KEE dwar il-koordinament tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-bidu u s-segwitu tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

3.3 It-tieni, il-bidla proposta fid-definizzjoni ta' ELMIs ma tnaqqasx ir-riskji assoċjati ma' l-attivitajiet tagħhom. B'kuntrast, il-valutazzjoni ta' impatt li takkompanja d-direttiva proposta ma tindirizzax ir-riskji li jistgħu jkunu assoċjati mal-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li l-ELMIs huma intitolati biex iwettqu.

3.4 It-tielet, il-BĊE huwa tal-fehma li evidenza ċara tad-disproporzjon allegat bejn is-salvagwardja ta' l-obbligi u r-riskji attwali assoċjati ma' l-attivitajiet ta' l-ELMI għadha nieqsa. Skond il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, jinħtieġ b'mod ċar biex jitqiesu aktar ir-riskji potenzjali assoċjati man-"natura legali ġdida" ta' l-ELMIs biex jiġi żgurat it-trattament xieraq regolatorju u superviżorju.

3.5 Ir-raba', kif innutat hawn fuq, tajjeb li wieħed jisħaq li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/46/KE dwar restrizzjonijiet fi strateġiji ta' investiment, m'huwiex rifless fid-direttiva proposta. In-natura ristrettiva sew tad-Direttiva 2000/46/KE f'termini ta' l-għażliet li hija tħalli lil dawk li joħorġu flus elettroniċi biex jagħmlu profitt permezz tal-ħruġ ta' flus elettroniċi, ġiet imħaffa fid-direttiva proposta. Din l-emenda proposta tista' ssarraf li tkun pożittiva għat-tkabbir futur ta' l-industrija. Madankollu, il-likwidità sinifikanti u r-riskji ta' falliment li ELMI tista' taffaċċja, jekk titħalla tinvesti f'kull tip ta' attiv, għandhom jitqiesu. F'dan ir-rigward, soluzzjoni bbilanċjata sew tista' tintlaħaq billi jiġi pprovdut reġim aktar flessibbli ta' limitazzjonijet ta' investiment minbarra dawk stabbiliti bħalissa bid-Direttiva 2000/46/KE. Liberalizzazzjoni sħiħa tal-limitazzjonijiet ta' investiment eżistenti, kif hemm fid-direttiva proposta, teħtieġ emenda li tkun timponi salvagwardji regolatorji addizzjonali.

3.6 Finalment, id-direttiva proposta tqajjem il-limiti għall-obbligi ta' identifikazzjoni u d-*due diligence* tal-konsumatur skond id-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu ([1]). Madankollu, dawn il-limiti ma jikkorrispondux mal-limiti fid-Direttiva 2007/64/KE. Żieda sostanzjali tal-limiti ta' bħalissa tiffaċilita l-anonimita' f'tranżazzjonijiet ta' ħlas, u żżid ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu assoċjati mal-ħruġ ta' flus elettroniċi, b'mod partikolari permezz ta' l-akkwist ta' ħafna kards imħallsin minn qabel.

4. *Statistika*

L-ELMIs li bħalissa jagħmlu parti mill-popolazzjoni ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) għall-istatistika monetarja u finanzjarja tal-BĊE, skond ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-kartra tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ([2]). Huwa nnutat li anke jekk ELMIs ma jkunux iddefiniti aktar bħala istituzzjonijiet ta' kreditu, huma jaqgħu fid-definizzjoni statistika ta' MFI skond Parti I, Sezzjoni I, il-paragrafu 2 ta' l-Anness 1 mar-Regolament BĊE/2001/13, liema skond l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma suġġetti għall-obbligi ta' rappurtar ta' statistika, li jiddependu, *inter alia*, fuq il-grad ta' sostitwibbiltà bejn l-istrumenti li huma joħorġu u d-depożiti mqiegħda b'istituzzjonijiet ta' kreditu; ir-raġuni hija li l-ELMIs se jibqgħu jirċievu fondi ekwivalenti għal depożiti matul il-lejl minn entitajiet minbarra IFMi, u jagħmlu investimenti f'titoli għalihom innifishom.

5. *Kummenti legali u tekniċi addizzjonali*

5.1 L-Artikolu 1(3) tad-direttiva proposta jistabbilixxi li huwa ma japplikax għal servizzi bbażati fuq strumenti li, *inter alia*, jintużaw f'"*networks* illimitati". Il-BĊE jirrikonoxxi li r-*recital* 5 jista' jintuża biex dan jista' jiġi interpretat biex ifisser li strumenti wżati ġewwa *network* illimitata "jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta' oġġetti u servizzi f'ħanut speċifiku, katina ta' ħwienet jew għal firxa llimitata ta' oġġetti u servizzi". Madankollu, id-dispożizzjoni rispettiva tibbenefika minn aktar kjarifika billi l-ħruġ ta' flus elettroniċi ġewwa n-*network* ta' e.ż. żewġ ktajjen kbar ta' ħwienet jistgħu potenzjalment jirrappreżentaw eżenzjoni għall-ħruġ ta' ammont sostanzjali ta' flus elettroniċi.

([1]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.

5.2 Suġġet għal ċerti kwalifiki, l-Artikolu 1(4) tad-direttiva proposta teżenta operaturi ta' linji tat-telefon mobbli mill-iskop ta' l-applikazzjoni tad-direttiva proposta. Il-BĊE jifhem li l-eżenzjoni tapplika f'każijiet fejn l-operatur tat-telefon ċellulari jaġixxi bħala intermedjarju mingħajr ma jiżdied "valur intrinsiku" għall-oġġetti jew is-servizzi, kif intqal fl-aħħar sentenza ta' *recital* 5 tad-direttiva proposta. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-BĊE jirrikkmanda li r-*recital* 5 tad-direttiva proposta huwa elaborat aktar billi tingħata gwida dwar jekk ix-xiri ta' e.ż. *ring tones* jew rapporti tat-temp ikunx kopert bl-eżenzjoni.

5.3 Id-definizzjoni ta' flus elettroniċi fl-Artikolu 2(2) tad-direttiva proposta hija fformulata wiesgħa ħafna u tkopri ħafna tipi ta' kontijiet; hija tistabbilixxi dak li jintqies b'mod ġenerali bħala flus elettroniċi, li jkopru wkoll kontijiet tal-bank u kontijiet ta' ħlas billi ż-żamma tal-kontijiet (*bookkeeping*) u l-ħażna ta' fondi huma llum il-ġurnata magħmula b'mezzi elettroniċi irrispettivament tat-tip ta' kont rispettiv. Ir-referenza għal tranżazzjonijiet ta' ħlas kif iddefiniti fid-Direttiva 2007/64/KE iżżid kunċett ġenerali ħafna ieħor għad-definizzjoni, billi tranżazzjonijiet ta' ħlas m'humiex restritti għal mezzi tradizzjonali ta' ħlas imma jkopru wkoll it-trasferiment u l-ġbid ta' fondi. Din id-definizzjoni ġenerali ta' flus elettroniċi timplika li kontijiet tal-bank tradizzjonali kif ukoll kontijiet ta' ħlas għandhom jitqiesu flus elettroniċi. Għalhekk il-BĊE hu tal-parir li jiġi speċifikat li kull fondi rċevuti jistgħu jintużaw biss għall-iskop waħdieni tat-trasferiment elettroniku ta' fondi mid-detentur tal-flus elettroniċi lill-persuni li huwa jħallas (*payees*).

5.4 Mingħajr preġudizzju għall-fehmiet tal-BĊE imfissra hawn fuq fir-rigward tan-natura legali tal-fondi rċevuti li *de facto* jkunu depożiti, l-Artikolu 8(2) tad-direttiva proposta diġà jidher li jkopri l-kontenut ta' l-Artikolu 8(3), għal liema raġuni l-paragrafu ta' l-aħħar seta' jitħassar.

5.5 L-Artikolu 11(1) tad-direttiva proposta jirregola l-adozzjoni tal-Kummissjoni ta' miżuri implimentattivi. B'mod partikolari, il-punt ċ ta' l-Artikolu 11(1) jipprovdi bażi legali biex isir dan fir-rigward ta' "miżuri biex iqisu żviluppi teknoloġiċi u tas-suq", li l-BĊE jqis li jkun ifformulat b'mod wiesa' wisq, bi skop bla limitu u possibbilment ma jissodisfax l-obbligu fl-Artikolu 11(2) tad-direttiva proposta liema skond kull miżuri implimentattivi għandhom "ikunu ddisinjati biex jemendaw elementi mhux-essenzjali" tad-direttiva proposta.

**Proposti t'abbozzar**

Meta l-parir t'hawn fuq iwassal għal tibdiliet fid-direttiva proposta, qed jinhemżu l-proposti t'abbozzar fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Diċembru 2008.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

**Proposti ta' abbozzar**

| Test propost mill-Kunsill | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| Emenda 1<br>Artikolu 2(2) tad-direttiva proposta | |
| 2. *"flus elettroniċi"* tfisser valur monetarju kif irrappreżentat minn klejm fuq min joħroġ il-flus elettroniċi, li huwa merfugħ b'mod elettroniku u maħruġ malli jiġu rċevuti l-fondi, għall-iskop li jseħħu t-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif iddefinit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2007/64/KE, u huwa aċċettat minn persuni naturali jew legali minbarra dak li joħroġ flus elettroniċi; | 2. *"flus elettroniċi"* tfisser valur monetarju kif irrappreżentat minn klejm fuq min joħroġ il-flus elettroniċi li huwa merfugħ b'mod elettroniku u maħruġ malli jiġu rċevuti l-fondi, għall-iskop **uniku** li ~~jsiru tranżazzjonijiet ta' ħlas kif iddefinit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2007/64/KE~~ **jiġu ttrasferiti fondi b'mezzi elettroniċi mid-detentur ta' flus elettroniċi lill-payees tiegħu**, u huwa aċċettat minn persuni naturali jew legali minbarra dak li joħroġ flus elettroniċi; |
| <u>*Ġustifikazzjoni*</u> *— Ara l-paragrafu 5.3 ta' l-opinjoni* | |
| Emenda 2<br>Artikolu 5(1) tad-direttiva proposta | |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, malli jintalbu mid-detentur, dawk li joħorġu flus elettroniċi jifdu, f'kull ħin skond il-valur pari, il-valur monetarju tal-flus elettroniċi miżmuma. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, malli jintalbu mid-detentur, dawk li joħorġu flus elettroniċi jifdu, f'kull ħin skond il-valur pari, **f'muniti u karti ta' flus jew bi trasferiment lill-kont** ~~il-valur monetarju~~ tal-flus elettroniċi miżmuma. |
| <u>*Ġustifikazzjoni*</u> *— Ara l-paragrafu 2.6 ta' l-opinjoni* | |
| Emenda 3<br>Artikolu 8(3) tad-direttiva proposta | |
| 3. Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi m'għandhomx iwettqu l-kummerċ li jieħdu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/48/KE. | [Tħassir] |
| <u>*Ġustifikazzjoni*</u> *— Ara l-paragrafu 5.4 ta' l-opinjoni* | |
| Emenda 4<br>Artikolu 17 tad-direttiva proposta | |
| *Artikolu 17*<br>**Emendi tad-Direttivi 2006/48/KE**<br>1. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:<br>(a) Il-punt (1)(b) huwa sostitwit b'li ġej:<br>"(1) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser impriża li l-kummerċ tagħha huwa li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku u biex tagħti krediti għaliha nnifisha;"<br>(b) Il-punt (5) huwa sostitwit b'li ġej:<br>"(5) 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser impriża minbarra istituzzjoni ta' kreditu, li l-attività prinċipali tagħha hija li takkwista *holdings* jew li twettaq waħda jew iżjed mill-attivitajiet imniżżla fil-punti 2 sa 12 u 15 ta' l-Anness I."<br>2. Jiżdied il-punt 15 li ġej ma' l-Anness I:<br>"15. Il-ħruġ ta' flus elettroniċi". | [Revoka] |
| <u>*Ġustifikazzjoni*</u> *— Ara t-taqsimiet 1, 2 u 4 ta' l-opinjoni* | |

(1) It-tipa ngassata fil-qalba tat-test tindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar it-test. It-tipa skura fil-qalba tat-test tindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid.